**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz numru 214/2022**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Eman Hayman)**

**vs.**

**Pauline Grima**

Illum 10 ta' Novembru 2022

Il Qorti:

Rat illi ressqet Pauline Grima ta' 50 sena, bint Grazio u Antonia nee' Azzopardi li twieldet gewwa l-Awstralja nhar il-05/02/1972, idikjarat li tirrisjedi gewwa l-indirizz Leptis Magna, Triq ta' Namura, Rabat u detentrici tal-karta ta' l-identita 30689M

U nakkużaha talli nhar it-27/09/2021 ghal ħabta ta' 8PM u fis-siegħat u, jew fil-ġranet u, jew gimgħat ta' qabel ġewwa San Pawl il-Bahar u diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer

1. Ikkaġunat lil zewgha **Ruben Grima**, fastidju meta ġabet ruħha b'mod li misset kienet taf li kienet qed ikun tali

U aktar talli nhar id-29/08/2021 fil-hinijiet ta' bejn 3AM u 4AM ġewwa San Pawl il-Bahar

2. Mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqieghed il-ħajja ta' zewgha **Ruben Grima** f'periklu ċar, volontarjament ikkaġunat ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura hafifa fuq persuntu, hekk kif iċċertifika **Dr. Stefania Abdilla** (Med Reg 4078) mill-Mosta Health Centre

U talli nhar it-22/08/2021 ghal ħabta ta' 3PM ġewwa San Pawl il-Bahar

3. Mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqieghed il-ħajja ta' zewgha **Ruben Grima** f'periklu ċar, volontarjament ikkaġunat ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura hafifa ta' importanza zghira fuq persuntu, hekk kif iċċertifika **Dr. Dale Brincat** (Med Reg 4245)

Il-Qorti hija mitluba wkoll f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għall-persuna ta' **Ruben Grima** u, jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil **Pauline Grima** billi tapplika l-Artikoli 382A et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u, jew torbot lil **Pauline Grima** b'obbligazzjoni tagħha nnifsa taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal zmien li tħoss xieraq

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkużat/i ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li meta sar l-ezami ta' l-imputata nhar il-5 ta' Ottubru 2022, skont l-artikolu 392(2) tal-Kodici Kriminali, l-imputata ddikjarat li kienet hatja u irregistrat ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet dedotti kontriha, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputata wara li l-Qorti, a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatha u wissietha solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonceditilha zmien bizzejjed biex terga' tikkonsulta ma' l-avukat ta' fiducja taghha u tikkonsidra t-twegiba taghha u, jekk ikun il-kaz, terga' lura minnha.

Rat li l-imputata regghet tenniet u kkonfermat l-ammissjoni inkondizzjonata taghha.

Rat li fid-dawl ta' l-ammissjoni tal-imputata il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li ssibha hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza dwarhom fil-konfront ta' l-imputata.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, u fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena fl-udjenza tal-5 ta' Ottubru 2022.

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz irrizulta meta gie rraportat mir-ragel ta' l-imputata li l-imputata kienet aggreditu diversi drabi.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi b'amissjoni ta' l-imputata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha waqt is-seduta ta' l-5 ta' Ottubru 2022 din il-Qorti m'ghandhiex ghazla ohra ghajr li ssibha hatja tar-reati addebitati lilha u ser tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront taghha.

Madankollu ghall-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata minn din il-Qorti, tqis, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz, is-segwenti fatturi:

- Il-fedina penali netta ta' l-imputata.[1]
- L-imputata irregistrat amissjoni qabel il-prosekuzzjoni ghalqet il-kaz taghha u instemghu x-xhieda.

  Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[2], **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[3], u

[1] Folio 4 ta' l-atti processwali
[2] Qorti Kriminali deciza 24 ta' Frar 1997
[3] Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002]

**ARCHBOLD Sentencing Guidelines 2021**[4] u **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE.**[5]

Ghaldaqstant jista' jinghad li l-amissjoni saret fl-iktar stadju bikri u ghaldaqstant l-imputata ghandha tibbenifika minn dan l-attenwanti.

- Il-Qorti tqis ukoll li l-ammissjoni saret minghajr ebda riservi.
- Ir-*risk assessment* li sar ikalibra ir-riskju bhala wiehed medju.[6]
- Il-prosekuzzjoni fis-sottomissjonijiet taghha talab lill-Qorti tikkunsidra piena alternattiva b'dan illi ghandha tigi illiberata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor. Il-prosekuzzjoni tenniet li l-imputata ghandha bzonn ghajnuna sabiex tindirizza certu diffikultajiet rigward is-sahha mentali taghha u l-Qorti ghalhekk tikkunsidra taghti l-Ordnijiet adekwati f'dan ir-rigward.
- Id-difiza abbracjat u qablet ma din is-sottomissjoni tad-difiza.
- Illi skont il-proviso ta' l-artikolu 251A(4) tal-Kodici Kriminali l-piena ghandha tizdied bi grad wiehed meta r-reat isir kontra xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kodici Kriminali li jaghmel referenza ghal konjugi.
- Illi dan jinghad ukoll fl-artikolu 251H(a), 251HA, 222(1) li jghidu li l-pieni ghandhom jizdiedu bi grad jew bi zewg gradi meta d-delitt jitwettaq kontra l-kojungi.
- Illi filwaqt li l-Qorti mhijiex bl-ebda mod marbuta ma' dawn is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni tara li din il-piena hija wahda

[4] Thomson Reuteurs, S-29
[5] Blackstone Press Limited – 2006 edition
[6] Folio 27 ta' l-atti processwali

legalment proponibbli u fil-parametri tal-ligi skond il-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputata izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku u dan fid-dawl tac-cirkostanzi ta' kif sehh il-kaz.

- Il-Qorti wara li qieset ic-cirkostanzi tal-kaz u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ghalhekk tqis li l-piena karcerarja b'mod effettiv mhux ser ikun l-iktar piena idonea f'dan il-kaz u li piena li hija alternattiva ghall-inkarcerazzjoni irrenda iktar rizultat tenut kont il-fatt li l-Qorti trid hares lejn ir-riforma tal-persuna kif ukoll li tinghata l-ghajnuna kollha possibli sabiex tindirizza d-difikultajiet li ghaddeja minnhom bhal issa.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 251A(1), 251H, 251HA, 222(1), 214, 221(1)(3), 202(h)(i), tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Pauline Grima, fuq amissjoni taghha stess, **hatja** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotta kontriha u tillibera bil-kondizjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett snin skont l-artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446.

Il-Qorti fisret is-sentenza lil hati skont l-artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex tipprovdi għas-sigurta` pubblika, tqiegħed lill-ħatja Pauline Grima taħt obbligazzjoni tagħha personali għal perjodu ta` sena taħt penali ta` elf ewro (€1,000).

Inoltre peress li l-Qorti tqis li f'dan il-każ hemm lok li jiġi maħruġ **Ordni ta' Trattament** fil-konfront tal-imputata u li permezz tagħha hi tkun tista' tiġi mgħejjuna tegħleb id-diffikutajiet li hija tidher għaddejha minnhom minħabba diversi abbużi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali tqieghed lill-hatja taħt Ordni ta' Trattament għal perjodu u ta' sena millum u dan skont il-kondizzjonijiet li jinsabu fid-digriet anness ma din is-sentenza u li jagħmel parti integrali minnha. Il-Qorti tiddikjara li għamlet din l-ordni ta' trattament wara li hija spjegat lil ħatja bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn Ordni ta' Trattament kif ukoll ir-responsabblita tagħha naxxenti mill-istess kif ukoll il-konsegwenzi li jitnisslu f'każ li hija ma toqgħodx għall-kondizzjonijiet imsemmija fl-Ordni ta' Trattament.

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Avukat Generali jinghata access ghal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma access ghal kopja skenjata tas-sentenza fi zmien sitt (6) ijiem tax-xoghol.

**Moghtija illum nhar l-10 ta' Novembru 2022 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**